**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru:** 3/2019

**Illum, disgha (9) ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identita' -omissis- akkuzat talli matul ix-xahar ta' Ottubru, 2018, u fil-gimghat u xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht is-sittax-il sena u cioe' -Omissis- imwielda -omissis-;

Art. 204C ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Talli fl-istess dati, lok, zmien u cirkostanzi ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta' u cioe' ta' -Omissis- imwielda -omissis-.

Art 208A ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu

533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Novembru, 2020 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija fil-konfront ta' -Omissis- u cioe':-

1. Fl-artikoli 204C(1), 208B(1)(2)(2A)(5) u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikolu 208A(1)(2)(7), 208B(1)(2)(2A)(5) u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikolu 15A(1)(2), 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi semghet lill-<u>PC 276 Gregory Attard</u> li gharaf lill-imputat -Omissis- li kien ha stqarrija u li qabel l-istqarrija nghata d-drittijiet kollha u huwa ezercita d-dritt li ma jikkonsultax ma' avukat ta' fiducja tieghu. Ix-xhud stqarr li fl-istqarrija l-imputat kien ammetta li kellu attivita' sesswali mal-minuri -Omissis- li tali attivita' sesswali kienet giet irrekordjata minn -Omissis- bil-

mobajl taghha. Jghid illi kienet -Omissis- li baghtet il-filmat lil haddiehor. Huwa pprezenta zewg ritratti li gew immarkati bhala Dok GA1 u GA2. Jghid illi dawn ir-ritratti gew murija lill-imputat fejn huwa kien ikkonferma li z-zewg persuni fir-ritratti kienu hu u -Omissis-.

Xehed ukoll <u>l-Ispettur Joseph Busuttil</u> fejn ikkonferma li kellu rapport ta' filmat li kien qed jigri ta' tnejn min-nies ikollhom x'jaqsmu sesswalment flimkien. Jghid illi fid-data tal-fatt -Omissis- kellha 14-il sena u dan gara fid-dar ta' -Omissis-. Qal illi wara li l-att sesswali gie ffilmjat bil-kunsens tat-tnejn, wara -Omissis- bi zball baghtet dan il-filmat fuq **Snapchat** u gie mibghut lill-persuni kollha li kienu friends maghha.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' <u>Dr. Stephen Farrugia Sacco</u> li kien gie nominat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta bhala espert tekniku biex jezamina l-kontenut tas-CD esebit bhala Dok JB u johrog stills relattivi liema rapport ipprezentah u gie mmarkat bhala Dok. SFS1.

Semghet ix-xhieda tal-allegat vittma **<u>-Omissis-</u>** bis-sistema tal-videoconferencing fejn din ikkonfermat li kellha x'taqsam

sesswalment mal-imputat meta kellha hmistax (15)-il sena u dan l-att gie rrekordjat u bi zball minflok issejvjawh ghafset il-buttuna biex tibghat. Hija tghid illi dan il-filmat ma ridux ixerrduh izda stante li l-iskrin tal-mobajl taghha kien imkisser ma kienx qed jahdem sew bil-konsegwenza li meta huma riedu jaghfsu l-buttuna save minflok intghafset il-buttuna share. Hija tghid illi saret taf li nxtered dan il-filmat peress li habib taghha -Omissis- kien cemplilha. Hija tikkonferma illi qabel l-imputat kellha xi zewg boyfriends ohra li anke maghhom kien ikollha attivitajiet sesswali frekwenti u dan jirrisali sa minn meta kellha tlettax (13)-il sena.

Finalment ukoll xehed **Aiden Bartolo** li kkonferma li hu kien ra kazwalment dan il-filmat u kien cempel lil -Omissis- sabiex tnehhih. Huwa kien gharaf lil -Omissis- ukoll f'dan il-filmat.

Regghet semghet lill-**Ispettur Joseph Busuttil** riprodott mid-difiza fejn dan esebixxa vera kopja tad-decizjoni tal-Qorti tal-Minorenni datata 20 ta' Novembru elfejn u dsatax (2019) fejn -Omissis- kienet giet misjuba hatja fuq tixrid ta' materjal pornografiku ta' minorenni (Dok. JBX).

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **-Omissis-** fejn dan ikkonferma li huwa kellu relazzjoni ma' -Omissis- fejn din ir-relazzjoni kienet damet xi tliet (3) snin. Jammetti wkoll illi kellu x'jaqsam sesswalment ma' -Omissis- u sar dan il-filmat bil-kunsens tat-tnejn izda biex jibqa' ghalihom u mhux biex jinxtered. Fuq l-akkuza tat-tixrid jghid is-segwenti:

> *"Eh, ahna konna hrigna mal-lejl imbaghad kien waqalna l-mobile u ma ndunatx li t-touch taghha beda jilghab tal-mobile. Imbaghad kif wasalna d-dar giet bl-idea biex naghmlu dal-video riedet tissejvjah ghall-affarijiet personali taghha dak iz-zmien u kif gejna biex norqdu marret biex taghfas biex tissejvjah u bi zball tefghatu My Story. Imbaghad ahna ghalaqna kollox u dhalna norqdu".*

## IKKUNSIDRAT

Illi l-imputat -Omissis- qed jigi akkuzat taht l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Imbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

> *"Meta l-għemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikoloġiku, il-piena għandha titnaqqas bi grad jew żewġ gradi."*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat -Omissis- u l-minuri -Omissis- kien wiehed kunsenswali u minghajr abbuz fiziku jew psikologiku. Illi hareg car illi l-minuri -Omissis- kienet konsapevoli ta' dan l-att sesswali tant illi hija stess tixhed li dik id-darba ma kinitx l-ewwel darba li kellha esperjenzi sesswali bhal dawk.

Hareg car ukoll illi kienet l-istess -Omissis- li pproponiet lill-imputat sabiex jiehdu l-filmat taghhom jaghmlu l-attivitajiet sesswali li naturalment l-istess imputat ma kellux oggezzjoni

ghalih. Hareg ukoll illi dan il-filmat ittiehed mill-mobajl tal-istess -Omissis-.

Illi jidher mill-akkuza u mic-certifikati tat-twelid esebiti fl-atti tal-istess imputat (a fol. 2) u tal-minuri -Omissis- (Dok. JB2) illi dak iz-zmien tar-reat l-imputat kellu dsatax (19)-il sena u l-minuri -Omissis- kellha hmistax (15)-il sena. Illi ghalhekk bejn l-imputat u -Omissis- kien hemm differenza ta' erba' (4) snin biss. Illi hareg ukoll mit-testimonjanzi tal-imputat u tal-minuri illi l-livell ta' zvilupp ta' bejniethom kien vera qrib anzi din il-Qorti tazzarda tghid illi dik tal-minuri -Omissis- kien xi daqsxejn aktar elevat minn dak tal-imputat u dan qed jinghad ghaliex mill-atti ma hareg xejn li jindika li l-minuri kellha xi mankanza mentali jew psikologika li timpedilha li jkollha zvilupp normali.

Illi gialdarba z-zewg partijiet involuti f'dan l-atti kkonfermaw li sar l-att sesswali bil-kunsens u stante li din il-Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika f'dan il-kaz din il-Qorti ser tapplikah meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz.

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza u cioe' t-tixrid ta' materjal pornografiku ta' persuni taht is-sittax (16)-il sena hareg car illi l-*mens rea* tal-imputat, kif ukoll daltronde tal-minuri, ma kienx li dan il-filmat jinxtered izda li jibqa' privat bejniethom u dan kien irrekordjat fuq il-mobajl tal-istess minuri u mhux tal-imputat. Illi gialadarba illi l-iskrin ta' dan il-mobajl kien tkisser beda jilghab bir-rizultat illi l-filmat inxtered minghajr mal-partijiet kienu jafu. Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti temmen il-verzjoni tal-imputat li minn dejjem kienet konsistenti mill-bidu tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31(1)(b)(vii), 204C(1) u (3) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **-Omissis-** hati biss tal-ewwel (1) akkuza u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Ulterjorment il-Qorti qed timponi lill-imputat -Omissis- sabiex ihallas l-ispejjez peritali li jammontaw ghal tliet mija u disgha u disghin ewro u disgha u erbghin centezmu (€399.49).

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

-------------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**